MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Numru. 54/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**Vs**

**Kevin Ellul ta' 27 sena iben Martin u Anna nee' Agius, imwieled Pieta' fl-10 ta' Jannar 1983 detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 68183(M) u residenti gewwa Charisma, Vjal l-Indipendenza, Mosta.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Kevin Ellul li permezz taghha huwa gie akkuzat talli:

1. Fil-Mosta nhar il-20 ta' Jannar 2008 ghal habta tas-sitta u nofs ta' fil-ghodu (06:30), gewwa Triq id-Durumblat,

b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragini jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti ta’ traffiku ikkaguna l-mewt ta’ Emmanuel Formosa.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni KVN222 bi traskuragini kbira jew b’mod perikoluza.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura KVN222 fi triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq prova jsuq jew kien fil-kontroll ta’ ventura fit-triq jew f’post pubbliku wara li kien ikkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala d-driver tal-vettura KVN222 naqas li jieqaf wara li din il-vettura bil-mutur fit-triq kienet involuta f’incident li kien jinvolvi offiza fuq persuna ohra.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi.

Rat l-kunsens ta’l-Avukat Generali tal-21 ta’ Jannar 2008 sabiex dana il-kaz jig trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat,

Illi dina l-kawza titratta dwar incident tat-traffiku fatali fejn tilef hajtu certu Emanuel Formosa konsegwenza tal-griehi gravi li garrab. Illi fil-fatt mill-ewwel imputazzjoni jirrizulta

illi l-imputat qed jigi akkuzat bil-qtil involontarju ta' dan Formosa.

Illi mill-provi akkwizti f'dawna il-proceduri jirrizulta illi l-imputat huwa l-uniku xhud okkulari ta' dana l-incident. Madanakollu huwa ma jixhetx wisq dawl fuq dak li sehh realment peress illi ma jistax jghid x'sehh qabel il-mument ta'l-impatt ghalkemm huwa kien is-sewwieq tal-vettura involuta fis-sinistru. L-evidenza l-ohra li hemm fl-atti processwali tikkonsisti fi provi cirkostanzjali u dak li ikkonstataw l-esperti nominati mill-Inkwirenti fl-Inkjesta Magisterjali li saret in konnessjoni ma' dana l-incident stradali.

Illi irrizulta illi l-incident stradali sehh ghal habta tas-6:30 ta' fil-ghodu fil-gurnata tal-20 ta' Jannar 2008. Jidher illi dak in-nhar kienet gurnata xitwija u li fil-hin li sehh l-incident kien ghadu ma sebahx. L-imputat Kevin Ellul kien qieghed fi triqtu lura lejn id-dar wara li kien qatta' lejl ta' divertiment gewwa Paceville. F'dana l-hin il-vittma Emanuel Formosa kien qieghed jimxi jew jiggoggja fi Triq id-Durumblat, il-Mosta, fuq in-naha tal-lemin tat-triq, x'aktarx wiccu ihares lejn l-*oncoming traffic* gej mid-direzzjoni tal-Mosta sejjer lejn H'Attard. L-imputat kien qieghed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Diahatsu bin-numru ta' registrazzjoni KVN222 fi Triq id-Durumblat sejjer mid-direzzjoni ta' H'Attard lejn il-Mosta fejn huwa joqghod u ghalhekk kien qieghed isuq fil-karreggjata l-opposta ta' fejn kien miexi l-vittma. Il-konfugurazzjoni ta' din it-triq hija wahda fid-dritt u ghalhekk is-sewwieq ghandu vizwali tajba tat-traffiku u tal-utenti kollha tat-triq. Jidher illi ghalkemm kien ghadu ma sebahx, pero' it-triq kienet wahda imdawwla. Madanakollu il-vettura ta'l-imputat laqtet lill-vittma tant illi mad-daqqa huwa gie mitfuh ghal fuq il-bonnet u imbaghad il-windscreen tal-karrozza u b'dana l-impatt qawwi il-vittma itajjar minn fuq il-vettura u spicca waqa' f'ghalqa li tinsab mat-triq izda f'dislivell ta' madwar metru mill-istess triq.

Illi ma hemm l-ebda xhud ghajr ghall-imputat li jista' jixhed dwar id-dinamika ta' dana l-incident. Madanakollu huwa lanqas ma seta' jispjega kif fil-fatt sehh dana is-sinistru.

Jghid kemm fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, kif ukoll fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija investigattiva, kif ukoll fix-xhieda moghtija quddiem l-espert Mario Buttigieg,[1] illi huwa kien qieghed isuq meta f'daqqa wahda sema' hoss u jghid illi l-windscreen tal-vettura inkissret u il-pilastru iddendel 'il gewwa. Ma jafx ma xhiex habat, izda jghid li ha xokk kbir. Saq aktar 'il fuq izda imbaghad ghamel U turn u rega' mar lura fil-post fejn sehh l-impatt, nizel mill-vettura, ra hafna debris mill-vettura tieghu mat-triq, izda ma ra xejn aktar. Bil-qatgha li kellu fuqu huwa saq lejn id-dar tieghu u mar iqajjem lil  missieru u qallu b'dak kollu li kien gralu. Wara li dahhlu l-vettura fil-garaxx, hu u misieru regghu marru fuq il-post ta'l-incident mghammrin b'torches, izda ghalkemm jghidu li fittxew kullimkien huma ma raw xejn u ma sabu xejn li ma kienx f'postu. Ghalhekk marru lura id-dar. F'dik il-ghodwa missier l-imputat kellu kuntatt ma' Dr. Emanuel Mallia u infurmah b'dak li kien sehh lil ibnu. Jghid li madwar siegha wara kien Dr. Emmanuel Mallia li rega' ghamel kuntatt mieghu u infurmah illi kien instab kadavru vicin il-post fejn kien sehh l-incident u l-imputat inghata l-parir li jirraporta lill-pulizija. L-imputat fil-fatt hekk ghamel u minn hawn sar jaf illi fil-fatt l-impatt li kellu kien ma' persuna umana u li dina l-persuna kienet tillfet hajjitha kagun ta' dana l-incident.

Illi mill-provi cirkostanzjali u mill-konkluzjonijiet ta' l-esperti nominati fl-Inkjesta Magisterjali u li wkoll xehdu quddiem dina l-Qorti jirrizultaw is-segwenti fatturi:

1. L-*ispot of impact* f'dana l-incident jinsab fuq il-karreggjata tat-traffiku tan-naha tal-lemin tat-triq fid-direzzjoni minn H'Attard lejn il-Mosta. Dana qed jinghad peress illi id-*debris* mill-vettura ta'l-imputat jinsab fuq din in-naha tat-triq.[2]

2. L-impatt kien wiehed qawwi ukoll fuq in-naha tal-lemin tal-vettura ta'l-imputat. Ta' dana hemm xhieda l-

[1] Xhieda ta'l-imputat a fol.198 et.seq., stqarrija a fol.6 et.seq u xhieda moghtija quddiem l-espert Mario Buttiegeg a fol 10 sa 1 tad-Dokument MB

[2] Ara rapport Mario Buttigieg  Dokument MB.

hsara estensiva li garrbet il-vettura fuq in-naha tal-lemin taghha u fuq il-windscreen ukoll in-naha tal-lemin.[3]

3. Fuq il-pilastru u il-windscreen instab xaghar u demm uman kompatibbli ma' dak tal-vittma Emanuel Formosa.[4]

4. Il-vittma sofra ferita fuq in-naha ta' wara ta' rasu twila madwar tnax-il centimetru li wasslet ghal mewt tieghu. Fil-fatt b'konsegwenza ta'l-impatt huwa sofra diversi fratturi fil-kranju bil-konsegwenza li tilef hafna demm u spicca biex miet.[5]

5. Mad-daqqa l-vittma ittajjar ghal go ghalqa biswit it-triq fejn hemm dislivell ta' madwar metru minn ma'l-istess triq. Fil-fatt instabu tracci ta' demm fuq il-hajt tas-sejjiegh u fuq hadida li kien hemm fuq in-naha ta' gewwa mal-genb tal-hajt. Ittajjret ukoll id-dentatura li kien libes il-vittma u xi cwievet li kellu wkoll fil-pussess tieghu.[6]

6. Il-vittma nstab mejjet madwar saghtejn wara li sehh l-incident wiccu 'il isfel f'ghadira demm. Kellu wkoll diversi abrazjonijiet fuq diversi partijiet minn gismu

Il-Qorti hija kemmxejn perplessa dwar il-mod kif sehh dana l-incident. Dana qed jinghad ghaliex mill-atti processwali ma tohrog l-ebda raguni plawsibbli 'il ghala l-imputat li kien qieghed isuq fi triq dritta u imdawwla, triq li fiha ma kienx hemm traffiku iehor fil-mument li sehh l-incident, triq li fiha ghalhekk l-imputat kellu vizwali tajba ta' dak kollu li kien qieghed isehh quddiemu, kellu jispicca fuq in-naha l-ohra tat-triq u cioe' fuq il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta u di piu' spicca laqat persuna umana minghajr lanqas biss induna b'dana kollu! Il-Qorti ghalhekk sejra taghmel analizi ghal dak li sehh f'dik il-lejla qabel ma sehh l-incident.

---

[3] Ibid.

[4] Rapport Dr. Marisa Cassar a fol.19 et seq Dokument MC

[5] Rapport Dr. Mario Scerri a fol.49 et.seq. Dokument MS1 u MS2 kif ukoll rapport ta'l-awtopsja Dokument
CS fol.168 et.seq.

[6] Rapport , ritratti Dokument AF tas-scene of crime officers PS1147 Antoine Fenech u PC453 Brian
Cassar a fol.132 et.seq. u skizz ta'l-espert Perit Richard Aquilina a fol.117 Dokument RA

L-imputat jghid illi huwa hareg mid-dar il-lejl ta’ qabel u cioe’ is-Sibt fil-ghaxija 19 ta’ Jannar 2008 ghal habta tal-hdax ta’ fil-ghaxija. Jghid illi qabel ma hareg huwa kien strah u raqad ghal xi ftit sieghat. Fil-hdax huwa iltaqa’ ma’ siehbu gewwa bar fil-Mosta u hemmhekk xorob Vodka bl-Sprite. Wara erhiela lejn Paceville fejn iltaqa’ mat-tfajla tieghu u ma’ xi hbieb taghhom fil-kazin tal-banda ta’ San Giljan. Minn hemm xorob tlett drinks ta’ *Vodka Red Bull*. Harrgu mill-Kazin ghal habta tas-saghtejn u nofs u marru s-Sin City gewwa Paceville. Hemmhekk rega’ xorob zewg drinks ohra *Vodka Red Bull*. Wara dana flimkien mat-tfajla tieghu erhewla lejn il-bar bl-isem *Closet* izda hawnhekk huwa ma xorobx. Baqghu sejrin gewwa stabbiliment iehor bl-isem ta’ *Sugar Shake* fejn hemmhekk huwa xorob xarba wahda tal-Heineken. Wara dana l-imputat u t-tfajla tieghu xtraw xi ikel *take-away*, marru bil-karozza lejn Pembroke, baqghu madwar ghoxrin minuta hemmhekk, kielu, imbaghad wara erhewlha lejn id-dar. Qabel ma mar lejn id-dar, izda l-imputat wassal it-tfajla tieghu id-dar taghha gewwa l-Fgura. Mill-Fgura telaq gal habta tas-sitta neqsin kwart ta’ fil-ghodu u saq lejn id-dar. Fi triqtu lejn id-dar imbaghad sehh l-incident. [7]

L-imputat jikkontendi illi huwa kien il-hin kollu f’sensieh u fl-ebda hin ma marret ghajnu bih. Jiftakar biss illi hekk kif semgha hoss qawwi dawwar l-isteering wheel lejn il-lemin imbaghad lejn ix-xellug u wara rega’ iddritta u gie fil-karreggjata tieghu. Jghid illi huwa kien qieghed isuq madwar hamsa u erbghin jew hamsin kilometru fis-siegha, fl-ebda hin ma zamm il-brejk u kien qieghed isuq bil-mod. Illi mir-rapport ta’l-espert tossikologu Il-Professur Michael Sammut jirrizulta illi minn ezamijiet li saru fuq *sample* ta’l-urina ta’l-imputat, dawna irrizulta fin-negattiv u dana ghal tracci ta’ alcohol jew ta’ xi sustanzi nocivi ohra. Is-sample tal-urina ta’l-imputat madanakollu ittiehed aktar tard matul il-gurnata tal-20 ta’ Awissu 2008 u dana ghal habta tas-siegha u nofs ta’ wara nofs in-nhar.[8] Illi l-prosekuzzjoni u l-parte civile jikkontendu illi minhabba l-kwantita’ u l-kwalita’

---

[7] Ara xhieda ta’l-imputat u ta’ ta’ Janica Gatt fol.198 u 208 rispettivament

[8] Ara xhieda u rapport tal-Profs.Michael Sammut a fol. 175

tax-xorb alkoholiku illi ikkonsma l-imputat f’dik il-lejla kombinat mal-fatt illi l-imputat kien qatta’ l-lejl barra, bil-fors illi huwa kien ghajjien u seta’ raqad momentarjament waqt li kien qieghed isuq bil-konsegwenza illi huwa spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq fejn f’dak il-hin kien ghaddej Formosa. Id-difiza min-naha taghha targumenta illi dawn huma kollha kongetturi u ma hemm xejn mill-provi fl-atti illi jindika dana kollu. Illi l-Qorti taqbel ma’ dina l-linja difenzjonali. Illi l-imputat jghid illi xorob xorb alkoholiku f’dik il-lejla u li kein qatta lejl barra. Illi madanakollu ma hemmx l-icken prova fl-atti illi fil-mument li sehh l-impatt l-imputat kien fis-sakra. Illi l-imputat u il-habiba tieghu jghidu illi is-sewqan ta’ l-imputat kien wiehed normali. Ir-rapport ta’ l-espert tossikologu huwa wiehed fin-negattiv ghal alkohol. Illi huwa minnu illi l-imputat x’aktarx kien ghajjien kemm minhabba x-xorb li kien ikkonsma kif ukoll minhabba illi kien qatta’ l-lejl barra, kif inhu minnu ukoll illi s-sample ta’l-urina mehud mill-imputat sabiex isiru l-ezamijiet forensici ittiehed wisq tard u cioe’ madwar seba sighat wara li sehh l-incident u kien ghalhekk li x’aktarx kien minhabba f’dina ir-raguni illi r-rizultat kien wiehed fin-negattiv, madanakollu dana huma biss supposizzjonijiet li tista’ taghmel il-Qorti, supposizzjonijiet li fil-kamp penali ma humiex bizzejjed sabiex il-Qorti tista’ tasal ghal xi konkluzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Madanakollu, mill-provi akkwiziti mill-atti, l-Qorti zgur illi tista’ tasal ghal konkluzjoni wahda u cioe’ illi l-imputat momentarjament ma kellux l-attenzjoni kollha tieghu fuq it-triq. Illi ghal xi raguni huwa ghal mument tilef l-attenzjoni u ma baqax jiffokka fuq it-triq u fuq dak kollu li kien hemm quddiemu. B’hekk huwa spicca fuq il-karreggjata l-opposta tat-triq fejn Formosa kien miexi jew jigri u spicca biex laqtu. Illi ghalhekk indubbjament huwa l-imputat li ghandu jwiegeb ghal dana is-sinistru stradali, sinistru li sfortunatament kellu jkun wiehed fatali ghal Emanuel Formosa.

Illi kif gie gustament ritenut f’sentenza tal-**Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f’sentenza moghtija fil-21 ta’ Mejju 1960 fl-ismijiet il-Pulizija vs Anthony Spiteri: “Driver ta’ karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a *proper lookout***

**ghall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu." Il-Qorti osservat "ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. … ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali."**

Illi mill-atti processwali ma jidhirx illi l-imputat kien qieghed isuq b'xi speed eccessiv. Mir-rapport Dokument MB ta'l-espert tat-traffiku Mario Buttigieg jirrizulta illi l-imputat kien qieghed isuq bi speed normali meta sehh l-incident. Illi ghalhekk ma kenitx il-velocita li wasslet ghall-impatt izda ghad-dizattenzjoni momentanja fis-sewqan tieghu li wassal sabiex huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq.

Illi maghdud dana kollu ghandu jigi rilevat illi kif jidher mid-diversi ritratti esebiti w il-hwejjeg elevati minn fuq il-vittma Emanuel Fomosa, jirrizulta illi huwa kien qieghed jimxi jew jiggogja b'track suit skura u cioe' ta' kulur iswed. Jirrizulta wkoll illi fil-hin li sehh l-incident kien ghadu id-dlam. Dana il-fatt seta' ikkontribwixxa ghal dana is-sinistru peress illi kieku Formosa kellu xi sinjali jixeghlu jew xi fluorescent clothes x'aktarx illi dana il-fatt kien jigbed l-attenzjoni ta'l-imputat peress illi it-triq fejn sehh l-incident hija wiesgha u l-imputat zgur li kellu vizwali tajba u fit-tul ta' dak kollu li kien qieghed isehh quddiemu. Illi l-Highway Code fl-artikolu 17 tieghu ighid testwalment:

**"*Fejn ma jkunx hemm passaġġi jew bankini, jew fejn dawn ma jkunux biżżejjed, imxi fuq il-lemin tat-triq faċċata tat-traffiku. Għandek toqgħod ħafna attent u għandek timxi f'filliera waħda jekk it-triq hija dejqa jew***

***m'hemmx dawl biżżejjed. Dejjem żomm qrib il-ġenb tat-triq. Jekk tkun ġej għal liwja f'daqqa għal-lemin aqsam it-triq minn kmieni biex hekk is-sewwieqa li jkunu ġejjin ikunu jistgħu jarawk. Aqsam lura hekk kif ma jkunx hemm periklu biex tagħmel dan. Fejn hemm ftit dawl, kun żgur li int liebes jew tkun qed iġġorr xi ħaġa ċara, u <u>bil-lejl ilbes faxx jew strixxa li tleqq ma' drieghek, eċċ</u>. <u>Qatt m'għandek tilbes ilbies skur bil-lejl</u>.”*** (sottolinjar tal-Qorti).

Illi Formosa ma ghamlux dan ghaliex jidher car illi huwa hareg jimxi fit-triq fis-sitta ta’fil-ghodu meta kien ghadu id-dlam liebes ilbies skur bi ksur tar-regolament hawn fuq iccitat. Illi ghalkemm dana ma jnaqqasx mir-responsabbilta’ ta’l-imputat ghal dana is-sinistru stradali, madanakollu l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dan il-fattur meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta.

Il-Qorti ghalhekk fid-dawl ta’ dawn ir-risultanzi processwali tikkonkludi illi jirrizulta indubbjament illi l-imputat ghandu jigi iddikjarat hati ta’l-qtil involontarju ta’ Emanuel Formosa u dana meta kien qieghed isuq bi traskuragini kbira, izda ma tistax tinstab htija ghar-rigward tat-tielet u ir-raba akkuzi u cioe’ illi l-imputat kien qieghed isuq taht l-influwenza tax-xorb u li ma kellux kontroll shih fuq il-vettura tieghu minhabba dana il-fatt, stante illi mill-atti processwali ma hemm l-ebda prova li tindika minghajr dubbju dettat mir-raguni illi fil-mument ta’l-incident l-imputat kien xurban. Lanqas l-imputat ma jista’ jinstab hati ta’l-ahhar akkuza u cioe’ tal-fatt illi huwa naqas milli jieqaf meta sehh l-impatt u dan ghaliex mill-atti processwali jirrizulta bil-kontra. L-imputat mhux biss waqqaf u nizel sabiex jara x’sehh, izda sahanistra mar id-dar u rega mar lura ma’ missieru fuq il-post ta’l-incident sabiex jivverifika dak li kien sehh. Madanakollu peress illi l-vittma kien jinstab f’ghalqa li kellha dizilivell minn mat-triq u kien jinstab ezatt taht il-hajt, l-imputat u missieru ma setghux jarawh. Inoltre hekk kif l-imputat sar jaf b’dak li sehh huwa mar minn jeddu ghand il-pulizija u infurmahom illi kien hu li tajjar lil Emanuel Formosa. Kieku huwa ma ghamilx dana kien ikun prattikament impossibbli ghal pulizija illi jirrintraccawh.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta ghalhekk il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha u cioe':

1. Illi l-vittma kien libes ilbies skur u ghalhekk ikkontribwixxa ghal dana is-sinsitru.

2. L-imputat ikkonsenja ruhu f'idejn il-gustizzja hekk kif sar jaf b'dak illi kien sehh u ma setax jaghti l-ghajnuna lill-vittma hekk kif sehh l-incident ghaliex ma setax jarah peress illi gie imtajjar f'ghalqa fil-vicinanzi.

3. L-imputat ghandu fedina penali nadifa.

Il-Qorti madanakollu ma tistax tinjora il-fatt illi bniedem tilef hajtu minhabba n-nuqqas ta' prudenza u diligenza fis-sewqan ta'l-imputat. Il-hajja umana hija xi haga prezzjuza u ghalhekk hija r-responsabbilta ewlenija ta' kull sewwieq illi jara illi s-sewqan tieghu fl-ebda mument ma ikun tali illi jipperikola l-hajja ta' persuna ohra.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a),(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet, ir-raba u l-hames akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati ta'l-ewwel u it-tieni imputazzjoni u tikkundannah ghal perijodu ta' tlett snin priguneria, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien tlett snin mil-lum. Inoltre l-Qorti tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' tlett elef erba' mija u tlieta u disghin euro u tminja w erbghin centezmu (€3493.48) konnessi ma'l-ispejjez peritali.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Finalment il-Qorti qieghda tissosspendi il-licenjza tas-sewqan ta'l-imputat ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------